PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

31 ta' Jannar 2026

Lill-Onorevoli Dottor Alex Borg
Kap tal-Oppożizzjoni

Għażiż Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni,

Nirreferi għall-ittra tiegħek tat-30 ta' Jannar dwar il-proċess relatat mal-ħatra ta' Prim Imħallef, u l-isem propost mill-Gvern ta' Malta.

Inħoss opportun li jiġi ċċarat li l-iżvilupp Kostituzzjonali li daħħal fis-seħħ il-ħtieġa ta' vot ta' żewġ terzi fil-Parlament għall-ħatra ta' Prim Imħallef seħħ f'Lulju tal-2020, b'Att numru XLIII tal-2020. Għaldaqstant, isegwi li din se tkun l-ewwel darba li se jinħatar Prim Imħallef b'vot mandatorju ta' żewġ terzi. Għalhekk, ftit li xejn wieħed jista' jifhem kif jista' jsir l-argument imsemmi minnek li hemm xi "prinċipju stabbilit, u prassi segwita b'mod konsistenti tul is-snin"; anzi jirriżulta propju l-oppost meta l-predeċessur tiegħek Dr Bernard Grech kien ressaq tlett ismijiet pubblikament u bil-miktub għall-ħatra ta' Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Ironikament, uħud minn dawk proposti lanqas biss kienu ġew konsultati minnu, qabel semmihom pubblikament.

Ir-rispett lejn il-kariga u fuq kollox lejn kull Membru tal-Ġudikatura jintwera billi d-dixxerniment u l-kunsiderazzjonijiet ikunu msejsa fuq il-kompetenza, il-kredenzjali, l-esperjenza, is-snin ta' servizz u l-integrità tal-individwu, fost kriterji rilevanti oħra. Ikun ta' disservizz pubbliku, inġust u kontra kull prinċipju meritokratiku li wieħed jiskarta dan kollu, u jibbaża l-pożizzjoni tiegħu fuq konsiderazzjonijiet oħra li huma rrilevanti għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Nirrijafferma d-disponibbiltà tiegħi għal aktar diskussjoni, iżda daqstant ieħor nirrijafferma li l-fehma kkunsidrata tal-Gvern hija li l-Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera għandha l-kwalitajiet meħtieġa u l-kredenzjali kollha neċessarji sabiex twettaq id-dmirijiet ta' din il-kariga.

F'dan ir-rigward, b'sens ta' responsabbiltà, maturità u anke rispett, l-Oppożizzjoni hija mistennija tagħmel il-pożizzjoni tagħha ċara dwar il-persuna proposta mill-Gvern sabiex tokkupa l-kariga ta' President tal-Qorti.

Inselli għalik,

**Robert Abela**

k. L-Onor Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, Dottor Jonathan Attard